MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 978/2010

Vodafone Malta Limited (C 10865).

Vs

David Caruana (Id. 516973M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija, sitta u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€746.82) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 2497/10 u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' seba mija, sitta u erbghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€746.82), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------